MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 24/2009

**Natasha Grech**

**vs**

**G.I. Trading Ltd**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta’ Novembru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta’ l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-30 ta' Settembru, 2008 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tliet mija, sitta u ghoxrin ewro u hdax il-centezmu (€326.11) rapprezentanti prezz ta' sett borom illi kien difettuz.

L-intimat pprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rapprezentant tad-ditta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi f'Jannar 2006 hija xtrat sett borom u f'Lulju 2007 bdiet tuzhom. Dawn kienu koperti b'garanzija ta' hamsa u ghoxrin (25) sena. Wara li wzathom ftit taz-zmien il-borom bdew isaddu minn taht, minn barra bdew isiru kulur il-bronz u wara ftit bdew jissaddu minn gewwa wkoll.

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi meta hi lmentat dwar dawn id-difetti ma' l-intimat huwa qalilha illi dak li gara kien minhabba 'over cooking' da parte taghha.

L-intimat issottometta li ma hemm ebda dubju illi l-borom in kwistjoni gew uzati hazin u mhux skond l-istruzzjonijiet illi kellha r-rikorrenti ta' kif ghandhom jigu wzati borom 'waterless'. Dawn l-istruzzjonijiet jindikaw, fost affarijiet ohra, illi ghandha tinzamm fjamma tan-nar baxxa. Kuntrarjament ghal dan ir-rikorrenti uzat fjamma gholja u dan jirrizulta mill-fatt illi meta r-rikorrenti ressqet l-ilment taghha u pprezentat il-borom, dawn kienu mahruqa li jfisser illi dawn il-borom gew uzati bhal ma jintuzaw borom normali u minghajr ma nghata kaz tal-istruzzjonijiet illi r-rikorrenti kellha bil-miktub.

L-intimat issottometta wkoll illi tant kienu mahruqin il-borom illi xi ftit minnhom kienu minn gewwa mibruxa u dan ghaliex ir-rikorrenti ppruvat

tnaddafhom hi meta dak il-hruq tista' tnehhieh biss bil-'polishing rod', izda anke b'dak il-process ma setax jitnehha l-hruq.

It-Tribunal ezamina r-ritratti u d-dokumenti prodotti miz-zewg partijiet.

It-Tribunal ha parir tekniku wara li gew ezaminati tliet (3) borom tar-rikorrenti illi thallew mill-istess rikorrenti ghal dan il-ghan fl-Ufficcju tat-Tribunal.

**It-Tribunal jinnota illi :-**

Ir-rikorrenti xtrat sett borom 'waterless' li kienu koperti b'garanzija ta' hamsa u ghoxrin (25) sena. Fuq l-'order form' datata 12th June '06, dokument ipprezentat kemm mir-rikorrenti kif ukoll mill-intimat, hemm miktub b'ittri promenenti ***'guarantee is on stainless steel only. Cooking system instructions have to be followed'.*** Dan id-dokument huwa ffirmat kemm mir-rikorrenti kif ukoll mill-intimat.

Fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2009 li ghaliha ma attendiex l-intimat, ir-rikorrenti ddikjarat illi kien intlahaq ftehim bejnha u bejn l-intimat fis-sens illi l-intimat kien ser jipprovdi sett borom godda ghas-spejjez tieghu minbarra l-ispejjez tal-'freight', filwaqt illi l-ispejjez tal-'freight' kienet ser thallashom l-istess rikorrenti. Nonostante dan il-ftehim ir-rikorrenti wara talbet illi l-kaz taghha jkompli jinstema u jigi deciz minn dan it-Tribunal ghaliex, skond l-istess rikorrenti, l-ispejjez tal-'freight' kienu ezorbitanti.

Dan is-sett ghandu erba' (4) timbri fuq in-naha ta' taht tieghu li wiehed minnhom huwa li s-sett jista' jintuza fuq 'induction hob'. Dan ifisser illi bil-fors il-qiegh irid ikun 'magnetic'. Billi dawn it-tip ta' borom ma ghandhomx il-qiegh taghhom 'highly polished', ghaliex inkella jkunu jizolqu minn fuq il-'hob', jekk wara li jigu mahsulha l-qiegh taghhom ma jigix

ixxottati immedjatament b'carruta niexfa ghal kollox, l-ixxuttar ma jsirx kif suppost u fil-fatt il-qiegh tal-borom jibqa' humduz. Billi f'dan il-kaz mhux il-qiegh kollu huwa msaddad jidher car illi dawn huma tbajja ta' 'surface rust' u f'dan il-kaz dan jista' jmur bi ftit 'polish'.

Il-borma tat-tmintax il-centimetru (18cm) jidher illi giet impoggijja fuq 'burner' kbir, u mhux zghir, u l-borma kienet qieghda off-settjata u mhux centrata fuq in-nar. Dan jirrizulta mill-fatt illi wiehed mill-'handles' dab minhabba 'direct heat'.

Il-borma l-kbira, il-borma ta' sitta u ghoxrin centimetru (26cm), jidher car minn gewwa tal-borma li l-persuna li uzat il-borma uzat nar eccessiv. Ir-raguni tidher cara ghaliex l-'stainless steel' ibiddel il-kulur fi blu u vjola bi tbajja. L-izjed li qieghed kkoncentrat huwa fuq barra.

Skond kif jidher mill-ghotjien tal-borom, dawn il-borom iridu jintuzaw fuq nar baxx.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra hawn fuq, u wara li ra illi l-hsara li garrbu l-borom huwa dovut esklussivament ghal uzu hazin tal-borom, jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.**”**

Ir-rikorrenti Natasha Grech appellat minn din is-sentenza b'dawn l-aggravji:-

1. It-Tribunal ivvjola l-principju ta' gustizzja naturali ta' smigh xieraq meta bbaza d-decizjoni tieghu fuq “parir tekniku” li jghid li ha. Tilmenta ghalhekk illi d-drittijiet taghha gew pregudikati b'mod gravi billi ma nghatatx l-opportunita` li tiddifendi l-kaz taghha kif jixraq;

2. Id-decizjoni moghtija hija fondata fuq numru ta’ prezunzjonijiet li ma humiex lanqas kompatibbli mal-provi prodotti;

Fuq l-ewwel motiv ta’ aggravju jigi qabel xejn osservat illi, ukoll, fejn it-Tribunal adit hu moghti l-fakolta li jirregola l-procedimenti quddiemu bil-mod li jahseb li jkun l-aktar xieraq ghall-finijiet li tintghamel gustizzja, huwa marbut li jsegwi d-dettami tal-gustizzja naturali [Artikolu 23(1), Kapitolu 378]. Il-Qorti mhix behsiebha tintrattjeni ruhha b’mod approfondit fuq is-sustanza ta’ dawk id-dettami, ossija tar-regoli tradizzjonali “*nemo judex in causa propria*” u “*audi alteram partem*”, ghaliex diga` okkupat ruhha dwarhom f’bosta decizjonijiet taghha. Ara, ad ezempju, “**Mary Zarb -vs- Emma Azzopardi *et***”, 28 ta’ Marzu, 2007. Tillimita ruhha hawnhekk biex tenfasizza illi din l-ahhar imsemmija regola, sostrat ta’ l-appell odjern, ghandha karattru inderogabbli ta’ ordni pubbliku u, konsegwentement, imperattiva ghar-regolamentazzjoni ta’ kull gudizzju zvolt minn kwalsiasi tribunal, qorti jew bord aggudikanti;

Premess dan, ir-raguni tiddetta illi ghall-verifika tas-sussistenza, *o meno*, ta’ l-allegata vjolazzjoni tal-principju ghandu jittiehed rigward ghall-argomenti li fuqhom hi bazata d-decizjoni. Dan bl-iskop li jkun hekk stabbilit jekk il-partijiet inghatawx il-possibilita` li jitrattaw u jiddiskutu fuq fatti u cirkostanzi li mill-ezami taghhom skaturiet ir-*ratio decidendi*;

Fil-kaz prezenti huwa ben car mill-korp tas-sentenza appellata illi l-parti razzjonali taghha hija arginata fuq il-premessa tal-parir tekniku li t-Tribunal ottjena minghand xi konsulent li, presumibilment, ezamina l-borom li l-appellanti esebiet konformement ghall-verbal tat-18 ta’ Novembru, 2008. Huwa ovvju wkoll minn ezami ta’ l-atti istruttorji illi t-Tribunal ma hatar ebda espert tekniku kif hekk kien possibbli fid-diskrezzjoni tieghu li jaghmel skond id-dispost ta’ l-Artikolu 23 (2) (c) tal-Kapitolu 378.

Kjarament, imbaghad, huwa altru minn evidenti illi nonostante li hass li kellu jikkonsulta ruhu, l-arbitru naqas milli jakkorda lill-partijiet l-opportunita` li jkunu jafu r-rizultat li wasal ghalih l-espert u li jressqu d-deduzzjonijiet taghhom, favur jew kontra, dik l-opinjoni teknika. Jekk xejn, biex almenu l-arbitru jkollu quddiemu, u *ex-ante* d-decizjoni, kwadru ta' dawk l-elementi utli ohrajn li setghu wkoll, mill-ottika zgur ta' l-appellanti, kienu kapaci li jwasslu ghad-determinazzjoni ta' konvinciment divers;

Huwa opportun li jigi mfakkar illi opinjoni teknika tikkostitwixxi wkoll fonti oggettiva ta' prova meta, x'aktarx kif inhu anke l-kaz hawnhekk, si tratta minn accertament ta' fatt rilevabbli permezz ta' konoxxenza teknika determinata u determinanti. Dan ifisser li l-konkluzjoni teknika hekk raggunta kellha tkun hekk migjuba ghall-attenzjoni tal-partijiet biex dawn jikkontrollawha kif imiss bhal kull materjal probatorju iehor akkwizit;

Sa minn zmenijiet antiki l-gurisprudenza taghna ddecediet kwestjoni konsimili fil-kawza fl-ismijiet "**Antonio Sammut -vs- John Bell McCance *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 29 ta' Mejju, 1946. F'dan il-kaz wiehed mill-membri tal-Emergency Compensation Board kien gabar privatament informazzjonijiet ghall-fini tal-kalkolu tat-telf ta' profitt minghand parti fil-kaz, u dan minghajr ma l-parti l-ohra kienet prezenti waqt l-investigazzjoni, u wkoll minghajr ma gew komunikati lilha d-dettalji sabiex almenu tkun taf bihom u, jekk jidhrilha, tikkontrollahom. Hawn ukoll gie rilevat illi dawk id-dettalji forniti lill-espert tal-Board kienu l-element preponderanti tad-decizjoni. Inghad illi "jekk kif tirritjeni d-dottrina Ingliza hemm vjolazzjoni tar-*rule* '*audi alteram partem*', anke meta '*evidence*' moghtija minn parti wahda ma tkunx setghet tigi kontrollata mill-parti l-ohra minhabba nuqqas ta' opportunita, *multo magis* hemm din il-vjolazzjoni meta l-informazzjonijiet ikunu gew moghtija minghajr ebda gurament, kif gara f'dan il-kaz." Fl-istess sens huma s-sentenzi fl-ismijiet "**Erik Gollcher *nomine* -vs- Lt. Denis Higgins *nomine***", Appell Civili, 31 ta' Mejju,

1948 u "**Jesmond Spiteri -vs- Cutajar Ltd**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur, 31 ta' Ottubru 2007;

Bhal f'din il-gurisprudenza enuncjata l-Qorti ssib li kien hemm da parti tat-Tribunal vjolazzjoni flagranti tal-principju ta' smigh xieraq in kwantu l-appellanti ma nghatatx il-possibilita` processwali li tkun taf bil-prova u r-rizultat ta' l-espert tekniku ikkonsultat u l-opportunita` li tesponi, fir-rigward, l-assunti taghha b'kontrapposizzjoni ghall-opinjoni teknika tieghu. Din l-irregolarita` fl-osservanza tal-principju ggib li d-decizjoni tiddifetta u hi motiv ta' nullita` a sensu ta' l-Artikolu 790 tal-Kodici ritwali. Fic-cirkostanzi l-Qorti jkollha tilqa' l-appell u tghaddi biex hi stess tiddetermina l-mertu tat-talba ta' l-appellanti skond il-previzjoni tal-ligi fl-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 378. Dan ser taghmlu fi stadju ulterjuri wara li tisma' s-sottomissjonijiet tal-partijiet fir-rigward.

Ghal konsiderazzjonijiet predetti l-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel aggravju, tannulla s-sentenza appellata u tiddiferixxi l-kawza ghall-udjenza tal-21 ta' Mejju, 2010, biex b'hekk il-kontendenti jkollhom l-opportunita` li jressqu s-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward tal-mertu tat-talba u tad-difiza ghaliha. L-ispejjez tal-prezenti jibqghu ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------